# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 42.**
**Citazz. Nru. 1452/00 JRM**

**Vincent BRINCAT esercenti l-kummerc bl-isem ta' INFOCUS PROMOTIONS**

**vs**

**MAMBRA ELECTRONICS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2403.75) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' reklamar, artwork u spejjez ta' reklami mhallsa ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, kif jidher mill-kopja tal-istatement tal-attur hawn anness bhala Dok. "A";

Illi s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata thallas din is-somma anke ufficjalment, izda din baqghet inadempjenti u lanqas biss wiegbet ghall-interpellazzjonijiet tal-attur;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2403.75) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' reklamar, artwork u spejjez ta' reklami mhallsa ghan-nom tas-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2000 u tal-mandat ta' sekwestru tat-3 ta' Lulju 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data li nghata s-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba ta' l-attur** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma

ta' elfejn erba' mija u tlieta liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2403.75) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' reklamar, artwork u spejjez ta' reklami mhallsa ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2000 u tal-mandat ta' sekwestru tat-3 ta' Lulju 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data li nghata s-servizz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**12 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar, 2001.**